MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 13/2011

**Kaz 2669/JB Tribunal Industrijali**

**Mario Psaila**

**vs**

**Melita plc**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fis-06 ta' Mejju 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*<u>"Introduzzjoni</u>*

*Illi l-appellant talab lil dan it-Tribunal jiddikjara t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' ntimata ma saritx ghal ragunijiet valida u saret ingustament.*

*Da parti taghha s-socjeta' ntimata rribattiet li l-impjieg tieghu gie terminat a bazi ta' 'redundancy'.*

*Provi*

*Illi jirrizulta mill-provi prodotti tas-socjeta' ntimata li hija kienet ghaddejja minn process ta' ristrutturar ossia riorganizzazzjoni fil-grad manigerjali. L-appellant kien jokkupa l-kariga ta' Manager Finance ghal diversi snin. Il-kumpanija riedet tistabilixxi grad ta' Chief Financial Officer, liema grad effettivament ha post u ssostitwixxa l-kariga okkupata mill-appellant inklussivament il-mansjonijiet, doveri u responsabilitajiet taghha.*

*Nabel Tariq Bhatti ddecieda li l-appellant ma kienx jifforma parti mill-pjanijiet futuri tieghu. Ftit ta' xhur wara l-istess Bhatti gie sostitwit minn Michael Moltby.*

*Da parti tieghu l-appellant xehed tramite l-affidavit tieghu, fejn dahal fid-dettal fis-sekwenza tal-fatti li wasslu ghat-terminazzjoni tal-impjieg minn mas-socjeta' ntimata. Jigi rilevat li ma sarlu l-ebda kontroezami.*

*Konsiderazzjonijiet*

*Illi kien jispetta lis-socjeta' ntimata li tipprova r-raguni ta' redundancy sabiex setghet tittermina l-impjieg tal-appellant. Din il-prova hija oneru ghal minn jallega din ir-raguni. Gew prodotti zewg Chief Financial Officers – dawn xehdu dwar il-passi ta' riorganizzazzjoni li kien riedu jiehdu fid-Dipartiment tal-Finanzi. Ma giet promossa l-ebda raguni ta' xi nkwiet finanzjarju, nuqqas ta' xoghol, eccess/tnaqqis ta' haddiema. Kif gia ritenut ir-raguni ta' redundancy ma ssib l-ebda interpretazzjoni fid-dritt nostrali. Giet interpretata matul iz-zmien mill-Qrati ordinarji u minn dan it-Tribunal. Issir referenza ampja ghal decizzjoni numru 2055 fl-ismijiet "Stephen Muscat vs Armstrong Co Ltd" moghtija minn dan it-Tribunal fid-disgha (9) ta' Frar 2011. Wiehed isib citat l-awtur celebri Selwyn u diversa gurisprudenza Ingliza u lokali. Il-pozizzjoni Ingliza llum tistabilixxi li t-terminazzjoni tal-*

*impjieg trid tkun attribwibbli ghal nuqqas fil-bzonn ta' numru ta' haddiema. Is-sentenzi kkwotati mis-socjeta' ntimata jirreferu ghal sitwazzjoni fejn l-impjieg tal-ex-impjegat gie assorbit minn persuna gja prezenti fuq il-post tax-xoghol.*

*Illi l-kaz in dezamina huwa differenti fis-sens li gie assorbit minn terza persuna li giet impjegata minn barra li ghaliha gie kkrejat post 'ad hoc'. Il-post ta' Chief Financial Officer kien post ezistenti ghal dak ta' Finance Manager. Id-drittijiet, doveri, mansjonijiet u responsabbilitajiet tar-rikkorent gew assunti minn din il-persuna gdida.*

*Is-socjeta' ntimata riedet tibda process ta' razjonalizzazzjoni fid-Dipartiment tal-Finanzi. Ma baqax xoghol ghalih ghax ix-xoghol tieghu gie mehud minn din il-persuna gdida, mhux ghax naqas ix-xoghol ghalih u/jew ma kienx hemm xoghol bizzejjed ghalih. Ix-xoghol tieghu ma spiccax jew gie eliminat. Biex jinghad kollox, il-persuna li hadet postu izda b'nomeklatura novattiva ghamel biss ftit xhur. Min ha postu qatt ma ntaqa' mar-rikorrent. Il-fatt ta' redundancy gie awto-krejat mis-socjeta' ntimata u mhux impost fuqha minn cirkostanzi ekonomici u/jew industrijali u li ma kelliex kontroll fuqhom.*

*Bhal ma principal ghandhu dritt jorganizza u jirristruttura ruhu hekk ukoll il-haddiem ghandhu dritt ghall-impjieg teighu.*

*Ma giet promossa l-ebda raguni valida ta' terminazzjoni ta' mpjieg. Inoltre, l-pretenzzjonijiet tar-rikorrent kif kontenuti fl-affidavit tieghu ma gewx kontrabattuti. Il-post tieghu ma giex abolit sic et simpliciter. Is-socjeta' ntimata ghal ragunijiet taghha ta' organizazzjoni ma ghazlitx li tabolixxi l-post flimkien mad-doveri u mansjonijiet u responsabilitajiet. Dawn baqghu esistenti li gew assunti minn terza persuna li ghaliha gir krejat ufficju gdid. Kienet stratagemma ntelligenti li ma ghandhix issib konfront legali.*

*<u>Pagament ta' Notice Money</u>*

*Illi s-socjeta' ntimata qed taghmel enfazi fuq it-talba u pagament ta' dan it-tip ta' ammont. Jekk il-principal ittermina l-impjieg tal-haddiem tieghu, l-haddiem ghandu dritt jithallas dak li hu dovut lilu. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li b'dawn il-flus irrinunzja ghal xi drittijiet tieghu emanenti mill-ligi. Il-ligi stess ma tippermettix li jirrinunzja ghal dawk id-drittijiet (vide Art 42 tal-Kap 452).*

*Allegat Ftehim Indikat mis-Socjeta' Ntimata*

*Illi s-socjeta' ntimata taghmel referenza ghall-allegat ftehim li suppost intlahaq dwar it-terminazzjoni futuri tal-impjieg tieghu. Mhux hekk biss izda thallas il-pagament li suppost kien miftiehem li jithallas. L-intimat irribadixxa li l-istess fuq l-istess proposta ta' ftehim qatt ma kien hemm qbil da parti tieghu fuq. Oltre minn hekk, jirrizulta kontenut ta' cahda u/jew tnaqqis ta' drittijiet appartenenti lill-istess. Il-ligi stess tipprojbixxi r-rinunzja.*

*Kumpens*

*Illi wara li ra l-Artikolu 81 (2) (a) Kap 452, tenut kont l-eta' tal-intimat, il-kariga u kwalifiki tieghu, r-renumerazzjoni li kien jirrikava, t-Tribunal jiffissa s-somma pagabbli bhala kumpens fl-ammont ta' erbghin elf ewro (€40,000).*

*Konkluzjoni*

*Illi t-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent ma saritx ghal raguni gusta mis-socjeta' ntimata. Jikkundanna lis-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' erbghin elf ewro (€40,000) bhala kumpens.*

*Tigi ntaxxata s-somma ta' disghin ewro (€90) bhala drittijiet."*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' Melita plc datat 17 ta' Mejju 2011 a fol 1 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u tannulla d-decizjoni appellata bl-ispejjez kontra l-istess appellat.

Rat ir-risposta tal-appell ta’ Mario Psaila datata 30 ta’ Mejju 2011 a fol 10 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud fil-mertu minhabba li kompletament infondat.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta’ Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr Andrew Borg Cardona ghall-appellanti, u Dr Richard Galea Debono ghall-appellat prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-28 ta’ Gunju 2011.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat 5 ta’ Gunju 2012 fejn irrikjamat l-appell ghas-26 ta’ Gunju 2012 ghall-istess skop u d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-partijiet minnhom rappresentanti bid-digriet tar-rikjam tal-kawza u b’hekk din il-Qorti tista’ u ser tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 06 ta’ Mejju 2011.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellanti huma fis-sens li (a) saret definizzjoni hazina ta’ dak li hija *redundancy* skond il-ligi ghaliex din ma tirreferiex biss meta din hija mposta ghal telf ta’ xoghol minhabba cirkostanzi ekonomici negattivi li l-principal ma jkollox kontroll fuqhom, u li l-post jigi abolit b’dan li l-istess ma jigix assunt minn terza persuna li tigi

assunta b'terminologija differenti, izda japplika wkoll f'kazi ta' *structural redundancy* fejn minhabba ristrutturar principal ikollu iktar haddiema milli ghandu bzonn fl-operat tieghu, u dan anke jekk ikun ghadu f'cirkostanzi finanzjarji pozittivi; (b) ma ezaminax sew u kif trid il-ligi li la darba l-appelat kien talab u accetta l-hlas ta' *notice* abbazi tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 42 tal-Kap. 452** mela allura dan kien accetta l-posizzjoni tas-socjeta' appellanti u b'hekk ipprekluda lilu nnifsu milli jikkontesta r-*redundancy*.

Illi dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti thoss li dan l-aggravju huwa assolutament bla bazi u dan peress li gie konsistentement deciz mit-Tribunal Industrijali li meta l-impjegat jircievi skond il-ligi *notice money* jew inkella jimla; l-formuli relattivi dwar terminazzjoni ta' impjieg, dan ma ghandux u ma jistax jittiehed bhala pregudikanti ghall posizzjoni tieghu li jikkontesta t-terminazzjoni ta' impjieg tieghu minhabba *redundancy* (**"Tonio Calleja vs Vitafoam Limited"** T.I. – 19 ta' Jannar 2005). Fil-fatt dak li qed jghid l-appellant huwa li l-appellat f'dan il-kaz irrunzja ghad-dritt tieghu li jikkontesta tali terminazzjoni izda tali rinunzja tad-drittijiet sabiex tipprevali trid tkun wahda cara, specifika, u espressa (**"Carmelo Mifsud vs Guzeppi Schembri" –** P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006); **"Joseph Grima vs Brian German"** P.A. (RCP) 3 ta' Ottubru 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000), u certament li din il-Qorti thoss li din in-natura ta' prova, necessarja u essenzjali sabiex tirnexxi t-tezi tas-socjeta' appellanti hija ghal kollox mankanti f'dan il-kaz u certament li f'dan il-kuntest is-socjeta' appellanti ma ssodisfax l-oneru ta' prova li kien jinkombi lilu. B'hekk dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghat li huwa pacifiku li la darba l- principal jallega '*redundancy*' bhala raguni ghal terminazzjoni ta' impjieg sta ghalih li jippruvaha.

*Illi t-Tribunal Industrijali kemm il-darba tratta din il-kwiwstjoni nkluzi fil-kazijiet* "**Alexander Petrella vs Alex Mercieca Bathroom Ltd", "Dennis Falzon vs Frosch Turistik Malta Ltd", "Anthony Tabone vs FX Borg Furniture Ltd", "Nicholas Camilleri vs Visual Trends &**

**Co Ltd", "Andrew Farrugia vs Anth. Farrugia & Sons Ltd", "Julian Schembri vs Joint Beach Committee", "Jean Galea Souchet vs Multicom Ltd." u "Anton Bonnici vs Plumeller Ltd"** fejn inghad li t-Tribunal ghandhu jidhol fil-kwistjoni jekk ir-*redundancy* biex jara hux sewwa jew le -

Illi ghalkemm ma hemm tifsira ta' *redundancy* fil-ligi jirrizulta li l-Ligi Maltija segwiet it-tifsira Ngliza ghall-istess u din tidher tikkonsisti f'dak li gie citat fis-sentenza fl-ismijiet **"Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Mejju 2008) fejn giet affermat inghad li -

*"Fuq din il-materja ta' redundancy jidher li l-kaziztika tal-Qrati Inglizi stabbilit dawn il-linji gwida, u cjoe':-*

*(a) was the employee dismissed;*

*(b) If so, had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?*

*(c) If so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs".*

*"Tissokta tirritjeni s-sentenza "**Safe Stores plc vs Burrell"** (1997) li l-minnha l-precitat kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-element krucjali hu dak jekk verament kien hemm tnaqqis fil-business requirements di fronte ghall impjegat. Espicitament, tesprimi "in deciding that, tribunals should not introduce "a contract test" whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for". Illi wkoll f'din l-istess linja ta' hsieb is-sentenza **"Shawkat vs Nottingham Hospital NHS Trust"** u ghall certu sens, mhux lanqas 'il-boghod minnhom, id-decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Victoria Spiteri vs St. Catherine's High School"** (18 ta' Ottubru 2006) u **"John Bartolo vs International Machinery Limited"** (9 ta'Mejju 2007").*

Illi ma dan jizdied jinghad li fis-sentenza **"Dr. George Manara vs l-Perit Edwin Borg Costanzi"** (A.C. – 14 ta' Mejju 1990) fejn saret differenza bejn tkeccija minhabba *good and sufficient cause* inkluz tkeccija *"owing to the occurence of an intervening event or change of circumstances so fundamental as to be regarded by the law as striking at the root of the agreement, and as entirely beyond what was contemplated by the parties when they entered into an agreement"* u dik a bazi ta' *redundancy*, u dan proprju ghaliex inghad li l-Legislatur *"riedx jaghti lok biex employer bl-iskuza ta' l-ezistenza ta' ragunijiet li m'ghandux kontroll fuqhom, jevadi li jhallas dak li evidentement il-legislatur riedu jhallas f''kaz ta' redundancy".*

Illi ghalhekk kif inghad fis-sentenzi **"Carmel Zammit vs Office Group Limited"** (A.I.C. (RCP) – 4 ta' Ottubru 2011), u **"Remi Armeni vs Francis Busuttil & Sons Limited"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011) f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-mistoqsija li trid tigi mposta f'kaz ta' *redundancy* hija jekk ix-xoghol li kien qed jaghmel l-impjegat baqax mehtieg ghall-*employer,* u jekk kienx hemm bzonn l-operat tal-impjegat sabiex ikompli fl-istess xoghol.

Illi s-socjeta' appellanta tghid li l-posizzjoni tal-appellat bhala *Finance Manager* giet assorbita fil-posizzjoni iktar wiesgha u ta' grad ghola ta' *Chief Financial Officer*, li kellhu mansjonijiet hafna iktar wiesgha minn dak li kellha l-posizzjoni tal-appellat, u li l-appellat ma kienx applika u lanqas kien kwalifikat ghaliha, b'dan li dan l-ezercizzju ta' strutturar li s-socjeta' riedet taghmel irrenda l-posizzjoni li kien jokkupa l-appellat mhux iktar bzonnjuza u ghalhekk il-kariga ta' finance manager giet abbolita, izda dan ma jfissirx li din kienet sitwazzjoni *awto kreatta* minnha izda li minhabba reorganizzazzjoni tas-socjeta' kien hemm f'dan il-kaz prova evidenti li kien hemm raguni serja sabiex l-appellant jigi rez *redundant* kollox fuq l-iskorta tad-decizjonijiet hemm citati ta' **"Joseph sive Josef Perrone vs S & R (Handaq) Limited** (A.I.C. - 3 ta' April 2007) u **"Publius sive Leo Said vs Greenlines Environmental Services Ltd"** (A.I.C. – 25 ta' Jannar 2010)

Illi pero' mill-istess gurisprudenza ta' dawn il-Qrati jirrizulta li dak li ghandhu jigi sodisfatt f'kaz ta' *redundancy* huwa li mhux biss ikun hemm bzonn ta' ristruturrazzjoni izda wkoll li l-posizzjoni tigi abolita; f'dan il-kaz mhux hekk gara ghaliex fil-fatt fil-posizzjoni tieghu giet ingaggata terza persuna u l-posizzjoni hija simili bhal dik indikata fid-decizjoni gja msemmija fl-ismijiet **"Remi Armeni vs Francis Busuttil & Sons Limited"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011). Mhux hekk biss izda ma jistax jinghad li l-kariga tal-appellat giet reza *"surplus to requirements"* anke fid-dawl tal-kuncett ta' ristrutturar meta dan jigi kkonsidrata fid-dawl li kien hemm prova cara u tangibbli li kien raguni serja sabiex trendi l-posizzjoni li kien jokkupa impjegat, f'dan il-kaz l-appellant redundant. Li gara f'dan il-kaz kien li l-posizzjoni tal-appellat gie assunta minn persuna ohra li giet impjegat minfloku u dan sabiex certament jaghmel dak li kien qed jaghmel l-appellat. Fil-fatt f'dan il-kaz jinghad li s-socjeta' appellanti offriet permezz ta' ittra datata 12 ta' Marzu 2009 li thallas kumpens lill-appellat sabiex l-impjieg tieghu jigi terminat izda dan kien jirrikjedi li l-appellat jiffirma dikjarazzjoni li ma ghandu l-ebda pretensjoni kontra s-socjeta' appellanti izda dan ma giex accettat mill-appellat, u kien biss wara dan ir-rifjut li gie terminat l-impieg tal-appellat fid-data tat-13 ta' Marzu 2009. Certament li dan juri mhux biss li l-allegazzjoni tas-socjeta' appellanti ma hijiex kredibbli, izda wkoll il-mod kif l-istess socjeta' appellanti agixxiet mal-appellat billi tterminatlu l-impjieg tieghu hekk kif ma accettax l-offerta maghmula minnha. Din certament ma hijiex kwistjoni li tidhol fil-parametri ta' redundancy izda ta' tkeccija ngusta vera u proprja. Dan apparti l-fatt li ma hemm ebda prova li x-xoghol li beda jaghmel min gie impjegat fil-posizzjoni l-gdida ma kienx issir jew ma setghax issir mill-appellat. Dak li rrizulta kien li s-socjeta' appellanti kecciet lill appellat mix-xoghol tieghu sabiex dahlet persuna ohra minn floku. B'hekk il-kummenti u l-osservazzjonijiet li ghamel l-appellat fir-risposta tieghu huma ben fondati u b'hekk din il-Qorti qed tichad l-ewwel aggravju u b'hekk l-appell qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellat datata 30 ta' Mejju 2011 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Melita plc fir-rikors tal-appell datat 17 ta' Mejju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk qed tikkonferma ghall kull effett u buon fini tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "Mario Psaila vs Melita plc" (Kaz Nru. 2669/JB – Decizjoni Nru. 2067) datata 6 ta' Mejju 2011.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Melita plc.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------